# Konferenza dwar l-Etika fin-Negozju




Fid-29 t'Ottubru fil-Kurja tal-Isqof f'Għawdex, il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex organizzat Konferenza dwar l-Etika fin-Negozju, bi sħubija mad-Djoċesi t'Għawdex, il-Bank of Valletta, u l-Fondazzjoni *Centesimus Annus Pro Pontefice*. Id-domanda prinċipali li kienet il-qofol tal-Konferenza kienet: "Hemm mod etiku ta' kif wieħed jagħmel in-negozju?". Din id-domanda ġiet diskussa fid-dawl tat-tagħlim tal-Papa Franġisku, figura universali, li kemm-il darba saħaq li dik tal-intraprenditur hija vokazzjoni u li dan għandu post ewlieni biex jinħoloq il-ġid komuni, speċjalment fil-ħolqien tal-impjiegi.

Il-kelliem ewlieni għal din il-konferenza kien Joseph F.X. Zahra, ekonomista li serva f'diversi karigi istituzzjonali. Fl-2011 il-Papa Benedittu XVI appuntah awditur internazzjonali fil-Prefettura tal-Affarijiet Ekonomiċi fil-Vatikan. F'Lulju 2013 il-Papa Franġisku għażlu biex imexxi l-Kummissjoni għar-riformi tal-istrutturi ekonomiċi u amministrattivi tas-Santa Sede. Huwa kien sussegwentement appuntat Viċi-Koordinatur tal-Kunsill tal-Ekonomija bejn l-2014 u l-2020.

Għal din il-konferenza kien hemm ukoll panel iffurmat minn Dr Gordon Cordina, Ċermen tal-Bank of Valletta, Dun Joseph Hili mid-Djoċesi t'Għawdex u membru tas-*Centre for the Anthropology of Religion and Cultural Change (ARC)*, u Mario P. Galea, konsulent fil-qasam tan-negozju.

Zahra saħaq fuq l-innovazzjoni tal-mod kif naraw l-Ekonomija introdotta mill-Enċiklika *Centesimus Annus*, u kif il-Papa Franġisku jipprovokana biex naħsbu u naġixxu b'mod differenti fil-qasam tan-negozju. Il-membri tal-panel li rreaġġixxew għal dan id-diskors kollha saħqu fuq iċ-ċentralità tal-bniedem u l-loġika tal-mod kif għandna verament naraw il-ġid li jinħoloq min-negozju. Ħafna drabi fil-*boardrooms* tagħna naraw opportuniżmu u mhux opportunità. Din m'għandhiex tkun il-loġika li tanima lin-negozjant.

Joseph Borg, President tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex, u l-Isqof t'Għawdex Anton Teuma, indirizzaw ukoll din il-Konferenza. Borg saħaq kif in-negozju ma jistax jinqata' mill-moralità biex jikseb il-ġid komuni. L-Isqof t'Għawdex saħaq li ekonomija li mhix etika toqtol lilha nnifisha.

Daniel Borg, Kap Eżekuttiv tal-Kamra, li mexxa din il-konferenza, saħaq fil-messaġġ ta' introduzzjoni li l-għan aħħari ta' kull negozjant għandu jkun il-ġid komuni. Fl-għeluq huwa awgura li din l-inizjattiva tkun il-bidu biex jinħoloq spazju ta' djalogu bejn id-diversi entitajiet fuq temi importanti għas-soċjetà u l-ekonomija.

*Ritratt: CVC Media*